TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru. 326

Kazijiet Nru. : 450 u 451

Fit-tilwima tax-xoghol

bejn

Paul Farrugia u Sebastian Zammit

u

St George's Flour Mills

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta.

Data : 30 ta' Marzu, 1989

Chairman : Is-Sur A. DeGiovanni

1. DAHLA

Il-Ministru tal-Politika Socjali permezz ta' ittra datata 14 ta' Jannar, 1983, riferenza MSP/4/87/27, talab lit-Tribunal Industrijali biex jaghti decizjoni dwar din it-tilwima skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 28 (2) ta' l-Att XXX ta' l-1976.

1.2. It-Tribunal iltaqa' seba' darbiet u ghamel access fis-St George's Flour Mills.

1.3. L-appellanti kienu meghjuna mis-Sinjuri F. Coleiro u R. Camilleri Ufficcjal anzjan u "Shop Steward" rispettivament tal-General Workers' Union.

1.4. Il-Kumpanija kienet meghjuna mis-Sur A. Mallia Milanes, Ufficcjal ta' l-"Employers' Association" u mis-Sur P. Cassar Torreggiani, Direttur tal-Kumpanija.

/.....

2. <u>TAGHRIF GENERALI U TALBIET TAL-PARTIJIET</u>

2.1. L-appellanti

2.1.1. Stqarru li huma kienu mpjegati bhala Labourers mal-Kumpanija.

2.1.2. Stqarru li fuq stedina tal-Kumpanija huma bdew jahorgu wara l-hin tax-xoghol ibieghu id-dqiq fuq bazi ta' hlas skond l-ghadd ta' bajgh.

2.1.3. Stqarru li matul iz-zmien huma ma kienux laqghu suggeriment tal-Kumpanija biex jirrizenjaw mill-impieg u jahdmu bhala distributuri.

2.1.4. Stqarru li nhar is-27 ta' Ottubru, 1987, waqt li kienu qeghdin jghabbu d-dqiq fil-vettura tax-xoghol, huma kienu akkuzati mid-Direttur, is-Sur P. Cassar Torreggiani li kienu ghabbew zewg baroz "self raising flour" aktar milli ddikjaraw.

2.1.5. Stqarru li wara sospensjoni mix-xoghol u minkejja investigazzjoni li ma kkonfermatx l-akkuza allegata, il-Kumpanija ttermnatilhom l-impjieg nhar it-12 ta' Novembru, 1987.

2.1.6. Talbu lit-Tribunal jiddikjara li t-tkeccija kienet ingusta, u jitqiesu li baqghu fl-impieg minghajr telf ta' paga.

2.2. Il-Kumpanija.

2.2.1. Stqarret li l-appellanti kienu mpjegati mal-Kumpanija bhala Labourers ("Stackers/Packers").

/.....

2.2.2. Stqarret li nhar is-27 ta' Ottubru 1937, waqt il-process ta' taghbija, id-Direttur P. Cassar Torreggiani ra zewg pakketti ta' dqiq, mhux dikjarati li nxtraw, jitghabbew fil-vettura tax-xoghol.

2.2.3. Talbet lit-Tribunal jiddikjara li t-tkeccija taz-zewg appellanti kienet gusta u skond il-Ligi u jirrifjuta t-talbiet kollha taghhom.

3. LISTA TAX-XHIEDA

3.1. Ghall-appellanti xehdu :

Is-Sur E. Attard Flores
Is-Sur R. Camilleri

3.2. Ghall-Kumpanija xehdu :

Ir-Rev. Kappillan C. Attard
Is-Sur P. Cassar Torreggiani
Is-Sur P. Mercieca
Is-Sur V. Staines

3.3. Is-Sinjuri li isimhom jidher hawn taht kienu xhieda komuni :

Is-Sur E. Cassar
L-appellanti.

4. EZENTAZZJONI TA' XHUD

Wara stqarrija bil-gurament tar-Rev. Kappillan C. Attard, li dak li kien jaf dwar il-kaz jirrizulta mis-Sagrament tal-Qrar, it-Tribunal ezenta lix-xhud milli jaghti x-xhieda tieghu.

/.....

5. PREZENTAZZJONI TA' DOKUMENTI

5.1. L-appellanti pprezentaw id-dokumenti li jidhru hawn taht :

5.1.1. Ittra datata 12 ta' Novembru 1987, mibghuta liz-zewg appellanti li kienet avviz tat-temma ta' l-impieg (Ara Dok. A u A2).

5.2. Il-Kumpanija pprezentat id-dokumenti li jidhru hawn taht :

5.2.1. Ittra datata 3 ta' Marzu, 1988, mibghuta mis-Sur P. Cassar Torreggiani lir-Rev. C. Attard (Ara Dok. E).

5.2.2. Ittra datata 18 ta' Marzu 1988, mibghuta mir-Rev. Kappillan C. Attard lill-Kumpanija bi twegiba ghal 5.2.1 (Ara Dok. F).

5.2.3. Kopja ta' rikonciljazzjoni matematika ta' hazna u bejgh li kien ghamel is-Sur E. Cassar (Ara Dok. D).

5.3. It-Tribunal immarka d-dokumenti l-ohra kif jidher hawn taht :

5.3.1. Stqarrija preliminari ta' l-appellanti (Ara Dok. B).

5.3.2. Stqarrija preliminari tal-Kumpanija (Ara Dok. C).

5.3.3. Stqarrija finali ta' l-appellanti (Ara Dok. G.).

5.3.4. Stqarrija finali tal-Kumpanija (Ara Dok. H).

6. ARGUMENTI U PROVI TAL-PARTIJIET

6.1. L-appellanti argumentaw li

/.....

6.1.1. huma ghabbew biss l-ghadd ta' boroz li kienu ddikjarew li xtraw. (Ara 26.7.88 P 44 V 3 - 18; 2.3.88 P 56 V 1 - 5).

6.1.2. Wara l-akkuza ta' serq huma talbu li ssir tfittxija fil-pront ghaliex kienu konvinti li jew mid-data fuq il-boroz jew mit-tqaddim taghhom kien facli tghid x'tghabba dak in-nhar. (Ara 26.7.88 P 47 V 3 - 28; P 49 V 1 - 2; 2.3.88 P 57 V 19; P 59 V 22).

6.1.3. Kien hemm okkazjoni ohra meta l-istess Direttur kien ghamel akkuza u wara ammetta li kien ra' hazin. (Ara 5.7.88 P 15 V 20 - 23; 26.7.88 P 51 u P 52).

6.1.4. Ir-rizultat ta' l-investigazzjoni li saret mill-Kumpanija ma weriex li kien sar xi serq. (Ara 26.7.88 P 46 V 10 - 17).

6.1.5. Is-Sur P. Cassar Torreggiani kien ammetta li seta' ra hazin (Ara 5.7.88 P 15 V 17 - 20).

6.1.6. Fl-imghoddi kien hemm haddiem li nqabad jisraq u ma tkecciex. (Ara 2.3.88 P 43).

6.1.7. Wara li huma ma qablux li jitwarrbu minn fuq il-Kotba tal-Kumpanija u jsiru distributuri, it-tkeccija saret biex jintlahaq l-istess ghan. (Ara 26.7.88 P 33 V 18 - 19; P 39 V 16 - 21; 2.3.88 P 53 V 1 - 27)

6.2. Il-Kumpanija argumentat li :

/.....

6.2.1. Waqt it-taghbija ta' l-ewwel hames pakketti, is-Sur P. Cassar Torreggiani kien f'post fejn seta' jsegwi u fil-fatt ra zewg pakketti jitghabbew li ma kienux dikjarati li nxtraw. (Ara 5.7.88 P 20 V 3 - 8; P 29 V 26 - 28; P 30 V 1 - 4).

6.2.2. Fuq il-parir tal-General Manager ma kienx possibbli li jsir it-tiftix mehtieg dak in-nhar stess, ghaliex xejn ma seta' jsir tajjeb minghajr ezami ta' l-ircevuti tal-bejgh. L-ghadd ta' boroz fil-vettura tax-xoghol ma kienx bizzejjed. (Ara 5.7.88 P 21 V 10 - 16).

6.2.3. Ir-rikonciljazzjoni matematika tal-General Manager ma kellhiex valur biex jitwarrab kull dubju ta' serq. (Ara 9.8.88 P 3 V 18; P 6 V 19 - 20; P 15 V 23 - 25; P 16 V 9 - 11).

6.2.4. Is-suggeriment taghha lill-appellanti ma kienx intenzjonat biex jitwarrbu minn fuq il-kotba tal-Kumpanija u t-tkeccija ma saritx biex jintlahaq l-istess ghan. (Ara 5.7.88 P 25 V 16 - 21; P 26 V 5; P 31 V 5 - 11).

6.2.5. Minhabba li s-sistema kienet taghti lok ta' abbuz, l-appellanti kienu avzati minn zmien qabel li jekk jinqabdu jabbuzaw, jitkeccew. (Ara 26.7.88 P 58 V 16 - 22).

6.2.6. Min kien inqabad jisraq qabel ma tkecciex ghaliex ammetta li seraq. (Ara 2.8.88 P 43).

/.....

6.2.7. Kontra dak li qalu l-appellanti u x-xhieda taghhom (Ara 5.7.88 P 15 V 17 - 20) is-Sur P. Cassar Torreggiani dejjem kien konsistenti dwar dak li ra. Hu kien haddan l-ipotesi li seta' ra hazin biss bhala parti mill-ezercizzju tieghu ta' dixxerniment (Ara 5.7.88 P 28 V 18 - 28).

7. KUNSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL

It-Tribunal osserva li :

7.1. l-awditur tal-Kumpanija stqarr li r-rikonciljazzjoni matematika tas-Sur E. Cassar ma setghetx tkun "audited" ghaliex hu (l-awditur) ma kellu ebda mezz biex jghodd l-"opening stock."

7.2. Il-Konsulent Finanzjarju tal-Kumpanija stqarr li :

7.2.1. mir-rikonciljazzjoni matematika tas-Sur E. Cassar wiehed ma setghax jasal ghall-konkluzjoni li sar jew ma sarx serq.

7.2.2. Il-mod ta' kif kien isir il-hrug tal-prodotti u d-dokumentazzjoni relatata mal-process kienu jaghtu lok ghal zbalji jew abbuzi.

7.3. Galadarba dan kollu kien mgharraf lill-Kumpanija, hija kienet fid-dmir li taghmel minn kollox biex thares l-assi taghha u twarrab kull tentazzjoni ghall-abbuz.

7.4. Il-potenzjal ta' abbuzi u l-opportunita' li jsiru kienu jezistu, izda bix-xhieda ta' persuna wahda biss u fin-nuqqas ta' provi ohra, li setghu rrizultaw kieku s-sistema ta' kontroll kienet ahjar, jibqa' dubju serju dwar l-allegazzjoni.

/.....

7.5. Anke kieku l-provi kienu jiehhu kull dubbju ta' serq ta' zewg boroz dqiq, it-tkeccija mill-impieg hija kastig sproporzjonat mal-akkuza.

8. DECIZJONI

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi li t-tkeccija ma saritx ghal raguni gusta u jordna dak li gej :

8.1. Kull appellant ghandu jinghata lura l-impieg tieghu fl-istess grad mal-Kumpanija b'sehh retroattiv ghad-data tat-tkeccija.

8.2. Il-Kumpanija ghandha diskrezzjoni kompleta jekk thaddimx lill-appellanti, individwalment jew flimkien, fil-hin normali jew wara, fuq id-distribuzzjoni tal-prodotti taghha.

8.3. Ghal skop ta' kontinwita' ta' servizz, iz-zewg appellanti jitqiesu li komplew jahdmu minghajr waqfien matul iz-zmien kollu bejn it-tkeccija u nhar it-Tnejn 3 t'April 1989, f'liema data z-zewg appellanti ghandhom jergghu jibdew jahdmu.

8.4. Bhala kumpens ghal matul il-perijodu ta' tkeccija kull appellant ghandu jithallas is-somma ta' LM945.36,0 fi tlett pagamenti konsekuttivi, wiehed kull xahar, bl-ewwel pagament dovut nhar it-28 t'April 1989. Minn din is-somma l-appellanti jridu jhallsu l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Nazzjonali u Taxxa fuq id-Dhul jekk applikabbli.

8.5. Il-Kumpanija trid thallas ukoll is-sehem taghha tas-Sigurta' Nazzjonali ghal matul il-perijodu kollu ta' tkeccija.

/.....

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

9. DRITTIJIET TA' HLAS

It-Tribunal jordna wkoll liz-zewg partijiet li d-drittijiet li jithallsu ghal servizz quddiem it-Tribunal ikunu skond ir-Regolamenti ta' l-1986 Dwar Drittijiet li Jithallsu.

ANTHONY DEGIOVANNI
Chairman

CHARLES CHETCUTI
Segretarju